MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 95/2005

**United Travel Agency Limited (C 2202)**

**vs**

**Trafalgar Business Limited**

**Il**-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm3,735.65), liema somma hi dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici wara bejgh ta' biljetti ta' l-ajru (skond statement anness u mmarkat bhala dokument "A".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-1 ta' Lulju, 2004 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-interessi, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta’ April, 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------